A.L. 503 ta' l-2004

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI
(KAP 437)

Regoli ta' l-2004 dwar Problemi tas-Sahha Pubblika u dik tal-Animali li jolqtu l-Produzzjoni u t-Tqeghid fis-Suq tal-Laham tal-Fenek u tal-Priza Mrobbija

BIS-SAHHA tas-setghat moghtija bl-artiklu 10 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u ta'l-Ambjent, wara konsultazzjoni mal-MInistru tas-Sahha, l-Anzjani u Kura fil-Komunita', ghamel dawn ir-regoli li gejjin:-

Titolu u skop

1.(1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu "Regoli ta' l-2004 dwar Problemi tas-Sahha Pubblika u dik tal-Animali li jolqtu l-Produzzjoni u t-Tqeghid fis-Suq tal-Laham tal-Fenek u tal-Priza Mrobbija".

(2) L-iskop ta' dawn ir-regoli hu li jigu implimentati r-regoli li jinstabu fid-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 91/495/KEE rigward il-problemi tas-sahha pubblika u ta' l-animali li jolqtu l-Produzzjoni u t-Tqeghid fis-suq tal-laham tal-fenek u tal-laham tal-priza mrobbija skond l-artikolu 8 tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

(3) Dawn ir-regoli jistipulaw ir-rekwiziti koncernanti l-problemi tas-sahha pubblika u ta' l-animali li jolqtu l-produzzjoni u t-tqeghid fis-suq tal-laham tal-fenek u tal-laham tal-priza.

Tifsir

2. Ghall-finijiet ta' dawn ir-regoli, u kemm il-darba r-rabta tal-kliem ma' tkunx tehtieg xort'ohra –

(1) "id-Direttur" ifisser id-Direttur Generali tas-Servizzi Veterinarji;

(2) "Il-Komunita`" tfisser il-Komunita` Ewropea kif stabbilita taht it-Trattat li jistabilixxi l-Komunita` Ewropea;

(3) "il-Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni Ewropea;

(4) "laham tal-fenek" tfisser il-partijiet kollha tal-fenek domestiku li huma adattati ghall-konsum mill-bniedem;

(5) "laham tal-priza mrobbija" tfisser il-partijiet kollha ta' mammiferi ta' l-art u ghasafar selvaggi bl-inkluzjoni ta' dawk l-ispeci indikati fl-Artiklu 2 (1) tad-Direttiva 90/539/EEC, kif ukoll ghasafar ma' jtirux (*Ratitae*) mrobbija u maqtula fil-kaptivita`li huma tajbin ghall-konsum mill-bniedem;

(6) "Pajjiz Membru" tfisser Stat li huwa Membru tal-Komunita` Ewropea;

(7) "pajjiz ta' produzzjoni" tfisser Malta.

(8) "Pajjiz terz" tfisser Stat li mhuwiex membru tal-Komunita` Ewropea;

(9) "priza mrobbija" tfisser mammiferi ta' l-art bl-inkluzjoni ta' renni jew ghasafar li mhumiex ikkunsidrati bhala annimali domestici u li mhux indikati fl-Artiklu 1(1) tad-Direttiva 64/433/EEC jew fl-Artiklu 2 tad-Direttiva 71/118/EEC, izda li huma annimali mrobbija bhala annimali domestici. Madankollu, animali feroci li jghixu gewwa territorju maghluq taht kundizzjonijiet liberi simili ghal dawk li jgawdu annimali tal-priza selvaggi, ma' jigux ikkunsidrati bhala priza mrobbija;

(10) "Servizzi Veterinarji" tfisser l-awtorita kompetenti f'Malta kif stabbilit taht l-artikolu 2 tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Produzzjoni u Tqeghid fis-suq ta'l-laham tal-fenek

3(1) Id-Direttur ghandu jaccerta li l-laham tal-fenek:

(a) jigi miksub minn stabbilitment li jimxu skond il-kundizzjonijiet tad-direttiva 71/118/KEE u li huwa approvat ghall-iskop ta' dan il-Kapitolu skond il-Artikolu 14;

(b) ikun derivat minn annimali mrobbija gewwa rziezet jew f'zoni fejn ma' gewx imposti projbizzjonijet ghall-ragunijiet veterinarji;

(c) huwa derivat minn annimali li gew spezzjonati qabel il-mewt minn ufficjal veterinarju jew minn assistenti tieghu, skond l-Artiklu 4 tad-Direttiva 71/118/EEC, fejn din l-ispezzjoni ssir skond l-Kapitolu I tal-Iskeda I li tinstab ma' dawn ir-regolamenti u liema animmali kienu tqiesu tajbin ghall-qatla wara li jigu spezzjonati b'dak il-mod;

(d) ikun gie ttrattat taht kundizzjonijiet ta' igene sodisfacenti simili ghal dawk indikati fil-Kapitolu V tal- Anness 1 mad-Direttiva 71/118/KEE, hlief ghall-punti 28a u 28b;

(e) ikun gie spezzjonat wara l-mewt, skond Kapitolu II tal-Iskeda I li tinstab ma' dawn ir-regoli, minn ufficjal veterinarju jew, konformement mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 71/118/KEE, minn assistenti tieghu, liema spezzjoni ma' jindikax bdil f'gisem-il fniek hlief ghal-lezjonijiet trawmatici li sehhew ftit qabel il-qatla ta' l-istess fenek jew malformazzjonijiet jew bdil f'postijiet specifici tal-fenek,

sakemm jigi stabbilit permezz ta' testijiet adegwati li jsiru gewwa laboratorju, illi dawn il-lezjonijiet jew malformazzjonijiet ma' jirrendux il-karkassa jew l-interni tal-annimal mhux tajbin ghall-konsum jew ta' periklu ghas-sahha tal-bniedem;

(f) ikollu t-timbru tas-sahha skond il-Kapitolu III ta' l-Skeda I li tinstab ma' dawn ir-regoli.

Fejn ikun xieraq, tista' tittiehed decizjoni, biex jigu emendati jew mizjuda dispozizzjonijiet tal-Kapitolu hawn qabel imsemmi skond il-procedura indikata fir-regola 20, u dan biex jigu kkunsidrati il-forom differenti ta' prezentazzjoni, sakemm dawn ikunu konformi mar-regoli li jirrigwardaw l-igjene, partikolarment u b'deroga mill-Kapitolu imsemmi, dik il-procedura ghandha tiddetermina l-kundizzjonijiet li taht hom it-tqeghid fis-suq ta' pakketti kbar, ta' karkassi, ta' partijiet ta' karkassi jew tal-interni tal-annimal, liema pakketti ma' jkunux gew timbrati skond is-Sezzjoni 11.3(a) ta' l-istess Kapitolu, jista' jigi awtorizzat;

(g) ikun mahzun skond il-Kapitolu IV ta' l-Iskeda I li tinsab ma' dawn ir-regoli wara li ssir l-ispezzjoni fuq il-kundizzjonijijiet igenici gewwa stabbilimenti approvati skond ir-regoli 14 jew gewwa mhazen approvati skond ir-regoli tal-Komunita`;

(h) ikun gie trasportat taht kundizzjonijiet sodisfacenti ta' igjene skond il-Kapitolu V tal-Iskeda I li tinsab ma' dawn ir-regoli;

(i) fil-kaz tal-partijiet ta' karkassi jew laham bl-ghadam, kun ukoll gie miksub taht il-kundizzjonijiet simili ghal dawk indikati fl-Artiklu 3 tad-Direttiva 71/118/KEE, fi stabbilimenti specjalment approvati ghal dan l-iskop skond ir-regola 14 ta' dawn ir-regoli;

(2) Id-Direttur ghandu wkoll jizgura li l-laham tal-fenek frisk mibghut lejn territorju ta' Stat Membru iehor ikollu mieghu certifikat tas-sahha waqt it-trasport lejn il-pajjiz ta' destinazzjoni.

Il-kopja originali tac-certifikat tas-sahha, li ghandha takkumpanja l-laham frisk tal-fenek waqt it-trasport lejn id-destinatarju, ghandha tinhareg minn ufficjal veterinarju filwaqt tat-tghabija. Ic-certifikat tas-sahha ghandu jkun jikkorispondi fil-forma, mal-mudell indikat fl-Iskeda II; ghandu jsir mill-inqas fil-lingwa jew lingwi tal-pajjiz ta' destinazzjoni u ghandu jkun fih l-informazzjoni indikata fil-mudell ta' dik l-Iskeda.

Deroga minn regola 3

4 (1) B'deroga mir-regola 3, id-Direttur jista' jawtorizza:-

(a) il-forniment dirett tal-laham tal-fenek minn manifattur zghir lil persuna privata ghall-konsum taghha;

(b) il-forniment tal-laham frisk tal-fenek fi kwantitajiet zghar, minn bdiewa li jipproducu fniek f'ammonti zghar:

(i) sew jekk direttament lill-konsumatur finali fis-swieq lokali l-aktar vicini tar-razzett taghhom,

(ii) sew lil minn ibeigh bl-imnut bl-intenzjoni li jsir bejgh dirett lill-konsumatur finali, bil-kundizzjoni illi dak il-bejjiegh imexxi in-negozju tieghu fl-istess lokalita` bhal-dik tal-produttur jew f'lokalita` biswit:

Izda d-deroga possibbli imsemmija m'ghandhiex tinkludi bejgh li jinvolvi vjaggar minn post ghall-iehor, bejgh ordnat bil-posta u, sakemm dan jirrigwardja lill-bejjiegha bl-imnut, bejgh fis-suq.

(2) Id-Direttur ghandu jaddotta kull mizuri necessarji sabiex jizgura l-kontroll tas-sahha ta' dawn l-operazzjonijiet indikati fis-subregola (1) u biex jigu adottati regoli li jippermettu li jigi traccat ir-razzett originali ta' dak il-laham.

(3) Il-Kummissjoni tista' tadotta r-regoli dettaljati ghall-applikazzjoni ta' din ir-regola u partikolarment, fuq talba tad-Direttur, tistabilixxi l-limitu massimu tal-kwanititajiet li jistghu jigu fornuti konformement ma' subregola 1.

Produzzjoni u tqeghid fis-suq tal-laham tal-priza mrobbija

5. Is-Servizzi Veterinarji ghandhom jassikuraw illi l-kummerc intra-Kommunitarju tal-laham tal-priza mrobbija:

(a) meta' jkun involut laham mrobbi tal-priza tal-ghasafar, gikun bla hsara ghar-rekwiziti tad-Direttiva tal-Kunsill numru 91/494/KEE tas-26 ta' Gunju 1990 dwar il-kundizzjonijiet ta' s-sahha tal-annimali li tirregola l-kummerc u l-importazzjoni intra-Komunitarja ta' laham frisk tat-tjur minn pajjizi terzi;

(b) meta' jkunu involuti speci ohra ta' priza mrobbija, ikunu bla hsara ghar-rekwiziti tad-Direttiva tal-Kunsill 72/461/KEE tat-12 ta' Dicembru 1972 dwar il-problemi tas-sahha li jolqtu l-kummerc intra-Kommunitarju tal-laham frisk, kif l-ahhar emendat bid-Direttiva 89/662/KEE.

Mammiferi b'difirhom mifruq minn art selvagga

6 (a)(1) Il-laham tal-priza mrobbija li jinkisbu minn art selvagga ta' mammiferi b'difirhom mifruq ghandu jissodisfa kundizzjonijiet relevanti indikati fl-Artiklu 3 u fl-Artiklu 5 (b) sa (k) tad-Direttiva 64/433/KEE, bil-kundizzjoni illi l-merhla originali tigi soggetta ghal spezzjoni veterinarja regolari u ma' taqa taht ebda restrizzjoni in segwitu ghall-istudju li jsir skond ir-regola 11 jew bhala rizultat ta' l-ispezzjoni veterinarja. Ir-regoli dettajlati ta' din l-ispezzjoni ghandhom jigu stipulati skond il-procedura indikata f' Regola 20.

(b) Dawk l-annimali ghandhom jigi trattati f'hinijiet differenti minn animmali bovini,

hniezer, nagħaġ u moghoz.

(c) Iċ-certifikat tas-sahha li ghandu jakkumpanja dak il-laham ghandu jkun jikkorispondi mal-mudell fl-Iskeda IV li tinsab ma' dawn ir-regoli.

(d) Il-laham tal-hanzir selvaġġ jew ta' speci ohra mrobbija li huma sensittivi ghall-infestazzjonijiet tat-*Trichinea* ghandhom ikunu soggetti ghall-ezami digestiv skond id-Direttiva tal-Kunsill numru 77/96/KEE tal-21 ta' Dicembru 1976 dwar l-ezami ghall-prezenza tat-*Trichinea* (*trichinella spiralis*) meta' ssir l-importazzjoni ta' laham frisk derivat minn hanzir domestiku minn pajjizi terzi skond l-ahhar emendi li saru permezz tad-Direttiva 89/321/KEE.

(2) MInkejja s-subregola(1), is-Servizz Veterinarji jistghu jawtorizzaw l-qatla tal-priza mrobbija fil-post minn fejn dawn joriginaw, fil-kaz meta ma' jistax jigi trasportat, sabiex jigu evitati kull riskju fil-konfront ta' min izommhom jew ghall-protezzjoni tas-sigurta` ta' l-annimali. Din l-awtorizzazjoni tista' tinghata sakemm:

(a) il-merhla tigi soggetta regolarment ghal spezzjonijiet veterinarji u in segwitu ghall-istudju ezegwit skond ir-regola 12 jew b'rizulat ta' l-ispezzjoni veterinarja, ma' jkun hemm lbda restrizzjoni fuqha,

(b) it-talba ssir mis-sid tal-annimali,

(c) is-Servizz Veterinarji huma mgharrfa bil-quddiem bid-data tal-qatla ta' l-annimali,

(d) fil-post fejn jinzammu ikun hemm centru fejn jingemghu l-annimali selvaġġi, fejn jistghu jinzammu spezzjonijiet qabel il-mewt fil-kaz tal-grupp li jkun ser jinqatel,

(e) ir-razzett ikollu bini adegwat ghall-qtil, twahhil u svinar ta' l-annimali,

(f) il-qatla permezz ta' twahhil u svinar jigi precedut mill-isturdament ta' l-annimal, li ghandu jsir skond il-kundizzjonijiet indikati fid-Direttiva 74/577/KEE; is-Servizzi Veterinarji jistghu jawtorizzaw l-isparar biss f'kazijiet specjali,

(g) l-annimali maqtula u svinati jigu mdendlin kemm jista' jkun malajr u jigu trasportati lejn il-biccerija taht kundizzjonijiet igjenici sodisfacenti, liema biccerija ghandha tkun appruvata skond id-Direttiva 66/433/KEE. Fejn il-priza maqtula fil-post l-annimali jkunu trabbew ma` tkunx tista' tingieb f'temp ta' siegha lejn il-biccerija appruvata skond l-Artiklu 8 tad-Direttiva 64/433/KEE, il-priza ghandha tigi trasportata f'kontenitur jew mezz ta' transport fejn it-temperatura ta' l-ambjent tinzamm bejn 0 DC u 4 DC. It-tnehhija ta' l-imsaren ghandha ssehh mhux aktar tard minn tlett sieghat wara l-isturdament. Madankollu kull operazzjoni ghall-qatla tar-renna tista' ssir

f'sezzjonijiet mobbli tal-qtil skond id-Direttiva 64/433/KEE,

(h) waqt it-trasportazzjoni lejn il-biccerija, l-annimali maqtula ikunu akkompanjati minn certifikat mahrug mis-servizz veterinarju li jghandu jindika u jikkonferma r-rizultat pozittiv fl-ispezzjonijiet li saru qabel il-qatla, il-metodu korrett tal-isvinar u l-hin tal-qatla; dan ic-certifikat ghandu jikkorrispondi mal-mudell taht l-Iskeda III.

(3) Sakemm jigu adottati regoli tas-sahha li japplikaw fir-rigward ta' laham rizervat ghas-suq domestiku, il-qatla ta' priza kbira mrobbija u l-qtugh u l-hazna tal-laham indikat fis-subregola (1), jista', b'deroga mis-subregola (1), jsir gewwa stabbilimenti approvati mill-awtoritajiet nazzjonali ghas-suq domestiku, bil-kundizzjoni illi dan il-laham ma' jidholx fil-kummerc intra-Kommunitarju.

(4) Il-pajjizi membri ghandhom jizguraw illi laham rkuprat mekkanikament jista' jigi negozjat biss jekk precedentament ikun gie soggett ghal trattament bis-shana fl-istabbiliment ta' origini jew f'kull stabbiliment appuntat mill-awtorita` kompetenti, liema trattament isir skond id-Direttiva 77/99/KEE.

Awtorizzazzjoni generali

7. (1) Il-pajjizi destinatarji jistghu, in konsiderazzjoni tad-dispozizzjonijiet tat-Trattat, jaghtu awtorizzazzjonijiet generali lil pajjiz jew pajjizi konsenatarji jew awtorizzazzjonijiet ristretti li japplikaw f'kazijiet specifici, fejn il-laham frisk imsemmi fl-Artiklu 5 (b) u (i) sa (k) tad-Direttiva 64/433/KEE jista' jigi mdahhal fit-territorju. Dan il-laham frisk jista' jintbghat biss skond l-Artiklu 3 (l) u (3) tad-Direttiva 64/433/KEE.

(2) Jekk pajjiz jkun ser jircievi jaghti awtorizzazzjoni generali skond is-subregola (1), dan ghandu jinforma minnufih lill-Istati Membri l-ohra inkluz id-Direttur u l-Kummisjoni b'dan kollu.

(3) Il-pajjizi konsenatarji ghandhom jaghmlu l-arrangamenti kollha mehtiega sabiex jizguraw li c-certifikati tas-sahha, li mudell tieghu jinsab indikat fl-Iskeda IV, ikun jindika li wahda mill-opzjonijiet provduti fis-subregola (1) qed jigi ezercitat.

Ghasafar tal-Priza Mrobbija

8(1) Il-laham tal-ghasafar tal-priza mrobbija ghandha tissodisfa l-kundizzjonijiet indikati taht l-Artiklu 3 tad-Direttiva 71/118/KEE.

(2) Il-laham tal-ghasafar tal-priza mrobbija li hija intiza ghall-kummerc intra-Kommunitarju ghandha tigi akkumpanjata minn certifikat tas-sahha skond d-dispozizzjonijiet li hemm provdut dwarhom fl-Artiklu 8 fid-Direttiva 71/118/KEE, li ghandha tikkorispondi mal-mudell indikat fl-Iskeda IV li tinsab ma' dawn ir-regoli:

Izda minkejja l-Kapitolu V (23) tal-Anness I mad-Direttiva 71/118/KEE, meta', it-tattika uzata ghat-tnehhija tal-imsaren fil-kaz ta' summien u hamiem, ma' tippermettix spezzjoni tas-sahha kompluta tal-vixxera ta' kull ghasfur, dik l-ispezzjoni tista' ssir fuq kampjun ta' mill-inqas 5 % ta' kull grupp ta' 500 ghasfur, u f'proporzjonijiet korrispondenti fil-kaz ta' iktar minn 500 ghasfur, sakemm il-gruppi jkunu tal-istess

xorta fin-natura, piz u origini taghhom.

(3) Meta' r-rizultati ma' jkunux sodisfacenti cari, l-opinjoni espressa abbazi ta' l-ispezzjoni tal-kampjun tal-vixxera, rigward jekk l-ghasafar maqtula humiex tajbin ghall-konsum, ghandha tapplika ghall-grupp kollu.

Deroga minn dispozizzjonijiet ta' qtih u evixxerament

9. Minkejja r-regola 8(1), fil-kaz ta' laham ta' l-ghasafar tal-priza mrobbija miksuba u mqeghda fis-suq tat-territoju taghhom, id-Direttur jista' in konsiderazzjoni tad-dispozizzjonijiet generali tat-Trattat, jaghti lill-bicceriji jew bini fejn isir it-tqattigh li jinsabu fit-territorja taghha u li kienu mqabbdin fl-attivita` qabel id-data ta' meta jinghata avviz ta' dawn ir-regoli u li espressament hekk jitolbu, deroga mid-dispozizzjonijiet dwar il-qatla u t-tnehhija ta' l-interjuri indikati fil-Kapitolu V u tal-Anness I mad-Direttiva 71/118/KEE fil-kaz tal-produzzjoni ta' ghasafar tal-priza mrobbija parzjalment evixxerati jew mhux evixxerati mill-interjuri taghhom. L-uzu tat-timbru tas-sahha regolat minn Kapitolu X ta' l-Anness I mad-Direttiva 71/118/KEE ghandu jigi projbit jekk din id-deroga tigi ezercitata.

Meta r-regola 8 ma' tapplikax

10(1) Ir-regola 8 ma' tapplikax ghal-laham ta' ghasafar tal-priza mrobbija li, f'kazijiet isolati, jigi fornut mill-produttur tieghu direttament lill-konsumatur finali ghall-konsum tieghu personali, apparti mill-kaz meta dan il-forniment isir permezz ta' bejgh itinerarju, bejgh b'ordni postali jew bejgh fis-suq.

(2) Taht il-procedura stipulata fir-regola 20, il-Kummissjoni tista' tadotta regoli dettaljati ghall-applikazzjoni ta' din ir-regola u partikolarment, fuq talba tad-Driettur, tiffissa l-limiti massimi ghall-kwantitajiet li jistghu jigu fornuti skond is-subregola (1).

Dispozizzjonijiet Komuni

11. (1) Id-Direttur ghandu jizgura illi l-istudju dwar is-sahha tal-fniek u annimali tal-priza mrobbija tigi ezegwita f'perjodi regolari fil-postijiet fejn dawn jinzammu fit-territorju relattiv.

(2) Ghal dan il-ghan is-Servizz Veterinarji ghandu jigi inkarigat bix-xoghol li jigbor u juza r-rizultati tal-ispezzjonijiet tas-sahha maghmula skond dawn ir-regoli, fejn tirrizulta dijanjosi ta' mard li jista' jigi trasmess lill-bnedmin jew lill-annimali jew tirrizulta l-prezenza ta' residwi li jeccedu l-livelli permissibli.

(3) Fejn ikun hemm dijanjosi tal-marda jew il-kundizzjoni indikata fis-subregola (2), r-rizultati ta' l-istudju relatat mal-kaz specifiku ghandhom jigu mgharrfa mil-iktar fis lis-Servizz Veterinarji responsabbli ghas-supervizjoni tal-harga minn fejn ikunu originaw l-annimali in kwistjoni.

(4) Skond is-sitwazzjoni epizotiku, is-Servizzi Veterinarji ghandhom jezegwixxu testijiet specifici fuq priza bir-rix sabiex jigi misjub jekk hemmx il-

prezenza tal-mard indikat fl-Annes I mad-Direttiva 82/894/KEE.

(5) Il-prezenza ta' dan il-mard ghandu jigi komunikat lill-Kummisjoni u lill-Istati Membri l-ohra skond dawn ir-regoli.

Pjanijiet dwar ir-Residwi

12. (1) Id-Direttur ghandu jisupplimenta il-pjanijiet ghall-mizuri kontra r-residwi msemmija fl-Artiklu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 86/469/KEE tas-16 ta' Settembru 1986 dwar l-ezami ta' annimali u laham frisk ghall-prezenza tar-residwi biex b'hekk il-fniek u l-priza bir-rix jigu assoggettati ghal l-isipezzjoni indikati f'dik id-Direttiva kif ukoll biex tigi sorveljata l-priza selvagga kontra l-prezenza ta' kontaminanti fl-ambjent.

(2) In konsiderazzjoni tar-rizultati ta' l-osservazzjonijiet maghmula u msemmija fir-Regola 11 (4), id-Direttur ghandu jimponi l-limitazzjonijiet fuq l-uzu tal-laham tal-priza mill-irziezet jew mit-territorji fejn ikun qed isir l-immonitorjar.

(3) Il-Kummissjoni ghanha tadotta r-regoli dettaljati ghall-applikazzjoni ta'din ir-regola skond il-procedura indikata fir-regola 20.

Konsum mill-Bniedem

13. Il-laham tal-fenek jew tal-priza ta' l-ghasafar bir-rix m'ghandux jintuza ghall-konsum mill-bniedem jekk:

(a) jinstab li ghandhu xi wiehed mid-difetti elenkati fil-punt numru 9(a) fl-ewwel Skeda;

(b) jorigina minn annimali li gew amministrati b'sustanzi li probbabilment irendu l-laham taghhom perikuluz jew hsara ghas-sahha tal-bniedem u li fuq dak il-laham tkun ittiehdet decizjoni, skond il-procedura indikata fir-regola 20, in segwitu ta' l-opinjoni moghtija mill-Kumitat Veterinarju Xjentifiku. Sakemm tittiehed dik id-decizjoni, ir-regoli nazzjonali dwar is-sostanzi awtorizzati ghandhom jibqghu japplikaw skond l-provvedimenti generali tat-Trattat;

(c) minghajr pregudizzju ghar-regolamenti possibbli tal-Kommunita' li japplikaw fil-kamp tal-ionizzazzjoni, ikunu trattati b'radjazzjonijiet ionizzanti jew raggi ultravjoletti jew ikunu tratati b'tenderizers jew b'sostanzi ohra li jistghu jolqtu l-proprjetajiet organolettici tal-laham jew il-koloranti apparti minn dawk uzati ghall-ittimbrar tas-sahha.

Stabbilimenti Approvati

14. (1) Id-Direttur ghandu jaghmel lista ta' dawk l-istabbilimenti approvati minnu, fejn kull stabbiliment indikat ikollu n-numru ta'l-approvazzjoni veterinajra. Id-Direttur jista' japprova stabbilimenti approvati skond id-Direttiva 71/118/KEE, jew id-Direttiva 64/433/KEE ghall-qtil u t-tqatigh tal-fenek u annimali tal-priza bir-rix, bil-kundizzjoni illi dawk l-istabbilimenti ikunu mghammra ghall-iprocessar tal-laham tal-fenek u,jew tal-priza bir-rix u li dawk l-operazzjonijiet jigu ezegwiti hekk li

jikkonformaw mar-regoli dwar l-igjene. Id-Direttur ghandu jibghat din il-lista lill-Istati Membri l-ohra u lill-Kummissjoni.

(2) Id-Direttur ma ghandux japprova stabbiliment sakemm ma' jigix zgurat li jkun hemm osservanza ta' dawn ir-regoli. Id-Direttur ghandu jirtira kull approvazzjoni jekk il-kundizzjonijiet ghall-ghoti taghha ma' jibghux jigu osservati.

(3) Jekk ikun sar kontroll skond ir-regola 16, id-Direttur ghandu jqis il-konkluzjonijiet li jirrizultaw minn dan. L-Istati Membri l-ohra u l-Kummissjoni ghandhom jigu informati jekk din l-approvazjoni tigi rtirata.

(4) L-ispezzjoni u s-supervizjoni ta' l-istabbilimenti approvati ghandhom isiru taht ir-responsabbilta` tal-veterenarju ufficjali li, minghajr pregudizzju ghall-hidmiet moghtijin lill-assistenti skond id-Direttiva 71/118/KEE, jista' jigi assistit fil-hidmiet purament materjali minn persunal mharreg specjalment ghal dak l-iskop. Il-veterinarju ufficjali ghandu jkollu access hieles f'kull parti ta' l-istabbilimenti f' kull hin sabiex jizgura illi dawn ir-regoli jkunu qed jigu osservati.

(5) Ir-regoli dettaljati li jirregolaw dik l-assistenza ghandhom jigu determinati skond il-procedura indikata fir-regola 20.

Verifiki fuq il-Post

15.(1) L-esperti veterinarji mill-Kummissjoni jistghu, sakemm dan ikun necessarju sabiex tigi zgurata l-applikazzjoni uniformi ta' dawn ir-regoli, jaghmlu kontrolli fuq il-post in koperazzjoni mas-Servizzi Veterinarji; jistghu jivverifikaw jekk l-istabbilimenti approvati humiex fir-realta josservaw dawn ir-regoli. Il-Kummissjoni ghandha tinforma lid-Direttur bir-rizultati tal-kontrolli.

(2) L-Istat Membru li fit-territorju tieghu jkun qed isir kontroll, ghandu jaghti l-assistenza kollha necessarja lill-esperti fit-twetiq ta' dmirijiethom.

(3) Il-provvedimenti generali ghall-implimentazzjoni ta' din ir-regola ghandhom jigi determinati skond il-procedura indikata fir-regola 20.

Verifiki fil-Kummerc Intra-Kommunitarju

16. Ir-regoli indikati fid-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE dwar il-kontrolli li ghandhom isiru fuq kummerc intra-Kommunitarju bil-ghan li jigi kkompletat is-suq intern ghandhom japplikaw partikolarment rigward l-organizzazjoni u l-azzjoni li ghandha tittiehed wara l-kontrolli li jkunu saru fil-pajjiz destinatarju u fir-rigward tal-mizuri ta' sigurezza li ghandhom jigu applikati in relazzjoni mal-problemi tas-sahha li jolqtu l-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-laham tal-fenek u tal-priza fit-territorju tal-Komunita`.

Importazzjonijiet Ta' laham tal-Fenek u tal-Priza

17. Sakemm issir l-implimentazzjonijiet tal-provvedimenti komunitarji rigward l-importazzjoni tal-laham tal-fenek u tal-priza minn pajjizi terzi, id-Direttur, fir-rigward ta' dawn l-importazzjonijiet, ghandu japplika provvedimenti li huma mill-inqas ekwivalenti ghal dawn ir-regoli.

Sakemm issir l-implimentazzjoni ta' dawn il-provvedimenti, d-Direttur ghandu jizgura illi l-importazzjonijiet minn pajjizi terzi jibqghu soggetti ghar-regoli indikati fit-tielet subparagrafu tal-Artiklu 6 (I) (b) tad-Direttiva 89/662/KEE kif ukoll illi:

(i) il-laham frisk tal-fenek u l-laham tal-priza bir-rix ma' jistghux, taht ic-cirkostanzi, ikollhom it-timbru tas-sahha pubblika imsemmi fil-Kapitlu X tal-Anness I tad-Direttiva 71/ll8/KEE u, jekk dan ikun maqtuh u disussat, ghandu jigi ttratat skond l-Artiklu 3 (I) (B) ta' dik id-Direttiva;

(ii) il-laham mill-ispeci suxxettibli ghat-*trichinosis* ghandu jsirlu ezami ta' digestiv skond id-Direttiva 77/96/KEE.

Protezzjoni ta' Annimali Selvaggi

18. Dawn ir-regoli m'ghandhomx jolqtu r-regoli tal-Komunita` adotati sabiex tigi protetta l-hajja salvagga.

SKEDA I

KAPITOLU I
Spezzjoni tas-sahha qabel il-mewt fuq il-fniek

1. L-annimali ghanda ssirilhom qabel ma' jinqatlu, spezzjoni qabel il-mewt. B'regola generali, din l-ispezzjoni qabel il-mewt ghandha ssir fil-post fejn jinzammu qabel ma' jitghabbew.

(a) Jekk l-ispezzjoni qabel il-mewt tkun saret fil-post ta' origini fejn jinzammu, l-ispezzjoni qabel il-mewt fil-biccerija tista tigi ristretta ghas-sejbien ta' griehi li gew ikkagunati waqt it-trasport jekk il-fniek gew spezzjonati fil-post ta' origini fejn jinzammu sa 24 siegha qabel u jekk irrizultaw f'sahhithom. Apparti minn dan, l-identita` tal-fniek ghandha tigi ppruvata la darba dawn jaslu fil-biccerija.

Jekk l-ispezzjoni qabel il-mewt fir-razzett ta' origini u fil-biccerija ma' jigux ezegwiti mill-istess veterinarju ufficjali, l-animmali ghandhom jigu akkumpanjati minn certifikat tas-sahha bl-inkluzjoni ta' l-informazzjoni mehtiega skond l-Iskeda III.

(b) Jekk l-ispezzjoni ta' qabel il-mewt ma' ssirx fil-post ta' origini fejn jinzammu, il-fniek ghall-qatla ghanda sirilhom l-ispezzjoni qabel il-mewt sa mhux izjed tard minn 24 siegha mill-wasla taghhom fil-biccerija. L-ispezzjoni ghandha tigi ripetuta immedjatament qabel il-qatla jekk iktar minn 24 siegha jkunu ghaddew mill-ewwel spezzjoni ta' qabel il-mewt.

L-operatur tal-biccerija jew l-agenti tieghu ghandhom jiffacilitaw l-operazzjonijiet ghall-ezekuzzjoni ta' l-ispezzjonijiet fuq is-sahha qabel il-mewt u partikolarment kull immanigar li huwa kkunsidrat necessarju.

Kull annimal jew grupp ta' annimali mibghuta ghall-qatla ghandhom jigu identifikati sabiex jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw l-origini taghhom.

2. L-ispezzjoni qabel il-mewt ghandha tigi ezegwita mill ufficjal veterinarju skond ir-regoli professjonali u taht dawl xieraq.

3. L-ispezzjoni ghandha tiddetermina:

(a) jekk l-annimali humiex qed ibatu minn mard li jista jigi trasmess lill-bniedem jew lill-annimali, jekk jurux sintomi ta' dan jew jekk l-kundizzjoni generali taghhom hijiex wahda li tindika li din il-marda ghad tista' tohrog;

(b) jekk jurux sintomi ta' mard jew dizordni li jolqot l-kundizjoni generali u li jista' jirrendi l-laham mhux tajeb ghall-konsum mill-bniedem.

4. Annimali jistghu ma' jigux maqtula ghall-konsum tal-bniedem jekk jigi stabbilit li jkunun qedghin ibatu mill-kundizzjonijiet indikati f'punt 3.

5. L-annimali indikati f'punt 4 ghandhom jinqatlu separatament jew wara li jinqatlu l-fniek l-ohra kollha u l-laham taghhom jigi igenikament skartat.

KAPITOLU II
Spezzjoni tas-sahha fuq il-fniek wara l-mewt

6. Il-fniek maqtula ghandhom jigu spezzjonati immedjatament wara li jinqatlu.

7. L-ispezzjoni wara l-mewt ghandha ssehh taht dawl adegwat.

8. L-ispezzjoni fuq is-sahha wara l-mewt ghandha tinkludi:

(a) spezzjoni vizwali ta' l-annimal maqtul;

(b) mess bl-idejn u fejn ikun hemm bzonn, incizjoni fil-pulmun, fil-fwied, fil-milsa fil- kliewi u f'partijiet tal-karkassa li nbiddlu f'xi mod;

(c) investigazzjonijiet ta' anomaliji ta' konsistenza, kulur, riha u meta' jkun xieraq tat-toghma;

(d) fejn ikun hemm bzonn, testijiet fil-laboratorju.

9. (a) Il-fniek ghandhom jigu dikjarati bhala totalment mhux adegwati ghall-konsum tal-bniedem fejn l-ispezzjoni wara l-mewt tindika dan li gej:

- mard li jista' jigi trasmess lill-bnedmin jew lill-annimali;

- tumuri malinni jew multipli; axxessi multipli;

- infestazzjonijiet parasitici estensivi fit-tessuti subkutanji jew fil-musskoli;

- prezenza ta' residwi ta' sostanzi projbiti jew residwi li jeccedu l-livelli permissibli fil-Komunita`, bl-inkluzjoni ta' sostanzi b'effett farmakologiku;

- avvelenament;

- griehi estensivi jew assorbiment estensiv ta' demm jew serum;

- anomaliji fir-rigward ta' kulur, riha jew toghma;

- anomaliji fir-rigward ta' konsistenzi, partikolarment nefha kkawzata minn akkumulazzjoni ta' ilma fil-gisem jew irquqija gravi.

(b) Partijiet ta' annimali maqtula li juru lezjonijiet jew kontaminazzjonijiet lokalizzati li ma jolqtux il-bqija tal-laham ghandhom jigu dikjarati bhala mhux tajbin ghall-konsum mill-bniedem.

(c) Ir-rizultati ta' l-ispezzjonijiet fuq is-sahha li jsiru qabel u wara l-mewt ghandhom jigu rappurtati mill-veterinajru ufficjali u, jekk tinstab il-prezenza tal-marda indikata f'punt 3 jew il-prezenza ta' residwi, dawn ghandhom jigu rapportati lill-awtoritajiet tas-Servizzi Veteinarji responsabbli ghas-supervizjoni tal-hazna minn fejn ikunu originaw l-annimali, kif ukoll lill-persuna responsabbli ghall-hazna in kwistjoni.

KAPITOLU III
It-timbrar tas-sahha pubblika

10. It-timbrar tas-sahha pubblika ghandu jsir taht ir-responsabbilta` tal-veterinarju ufficjali, li ghandu jzomm u jiehu hsieb ghal dak l-iskop:

(a) strumenti ghall-ghemil tat-timbrar tas-sahha pubblika fuq il-laham, li ghandhom jigu moghtija lill-persunel assistenti biss fil-hin proprju meta jsir l-ittimbrar u ghaz-zmien necessarju ghal dak l-iskop;

(b) tabelli u wrappers fejn dawn diga` ghandhom marki jew sigilli skond ma' hemm fil-punt 11. Dawn it-tabelli u sigilli ghandhom jigu mghoddija lill-persunel assistenti fl-ghadd mehtieg fil-hin li dawn ghandhom jintuzaw.

11. (1) It-timbrar tas-sahha pubblika ghandu jikkonsisti f'dan li gej:

(a) – fuq il-parti ta' fuq, l-inizjali tal-ittra jew ittri kbar ta' l-isem tal-pajjiz ta' dispacc: B - CZ - DK - D - EE - EL - E - F - IRL - I - CY - LV - LT - L - HU - MT - NL - AT - PL - P - SI - SK - FIN - S - UK,

- fin-nofs, in-numru veterinarju ta' approvazzjoni tal-biccerija jew, fejn xieraq, il-post fejn isir it-tqatigh,
- fuq il-parti t'isfel, wahda mill-inizjali li gejjin: CEE, E0F, EWG, EOK, EEC, EEG, ETY, EHS, EMU, EEK, EEB, EGK, KEE, EGS,

fejn l-ittri u l-figuri ghandhom ikunu 0,2 cm gholjin, jew

(b) forma ovali li jkun fiha l-informazzjoni elenkata f' (a); l-ittri ghandhom ikunu 0,8 cm gholjin u l-figuri 1,1 cm gholjin.

(2) Il-materjal uzat ghat-timbrar ghandu jissodisfa ir-rekwiziti kollha tal-igjene u l-informazzjoni indikata f'punt 1 ghandu jkollha forma li tista' tinqara perfettament.

(3) (a) It-timbrar tas-sahha pubblika indikata f'punt 1(a) ghandu jsir:

- fuq karkassi mhux mghottija permezz ta' sigill li jkun fih l-informazzjoni elenkata f'punt 1 (a),
- fuq jew vizibilment taht wrappers jew pakketti ohra ta' karkassi ppakjati,
- fuq jew vizibilment taht wrappers jew pakketti ohra ta' partijiet ta' karkassi jew ta' interjuri ta' l-annimali ppakkjati fi kwantitajiet zghar;

(b) L-ittimbrar tas-sahha pubblika indikat fil-punt 1(b) ghandu jsir fuq pakketti kbar.

(4) Fejn timbru tas-sahha pubblika jidher fuq wrapper jew pakkett skond il-punt 3:

- dan ghandu jigi applikat b'tali mod illi jigi distrutt meta r-wrapper jew l-pakkett jinfetah, jew
- r-wrapper jew l-pakkett ghandu jkun sigillat b'tali mod illi ma' jistax jerga jintuza wara li jinfetah.

KAPITOLU IV
Hazna

12. Wara l-ispezzjoni ta' wara l-mewt, il-laham tal-fenek ghandu jigi mkessah jew ffrizat u jinzamm f'temperatura li ma'ghandha f'ebda hin teccedi - 4 DC jekk imkessah jew - 12 DC jekk iffrizat.

KAPITOLU V
Trasport

13. Il-laham tal-fenek ghandu jintbghat b'tali mod illi waqt it-trasport dan ikun protett minn kull haga li tista' tikkontaminah jew tolqtu b'mod mhux favorevoli, in konsiderazzjoni tad-dewmien u l-kundizzjonijiet tat-trasport u tal-mezzi tat-trasport adottati. Partikolarment, vetturi uzati ghal dan it-trasport ghandhom ikunu mghammra b'tali mod li jigi zgurat li t-temperaturi indikati f'punt 12 ma' jinqabzuxi.

SKEDA II

MUDELL

CERTIFIKAT TAS-SAHHA PUBBLIKA

ghall-fenek frisk intiz ghall-konsenja lejn Stat Membru tal-KEE

Pajjiz li qed jesporta: ..... Nru : .....

Ministeru: .....

Servizzi kompetenti: .....
.....

Ref.: ..... … .....

I. Identifikazzjoni tal-laham

Laham ta':..... ..... …….

(l-ispece tal-annimal)

Xorta tal-qatghat: …….

Xorta tal-ippakjar: ……...

Numru tal-pakketti: ……..

Piz net: .....

II. Origini tal-laham

Indirizz(i) u numru(i) veterinarju(i) ta' l-approvazzjoni tal-biccerija(i): .....

Indirizz(i) u numru(i) veterinajri(i) tal-post ghat-tqattigh approvat: .....

.....

III. Destinazzjoni tal-laham

Il-laham ser jintbaghat

minn ..... ……...

(post fejn jitghabba)

lejn.....

(pajjiz u post fejn hu destinat)

permezz ta' dawn il-metodi ta' trasport li gejjin: .....……

Isem u indirizz ta' min jikkonsenja: ……..

Isem u indirizz tad-destinatarju: ....

IV. Attestazjoni tas-sahha pubblika

Jiena, hawn taht iffirmat, veterinarju ufficjali, niccertifika illi:

(a) – il-laham tal-fenek deskritt,

- l-ippakkjar tal-laham hawn qabel deskritt ghandu t-timbri li jippruvaw li:

- il-laham jidderiva minn annimali maqtula f'bicceriji approvati,

- il-laham tqatta' f'postijiet appruvati ghat-tqattigh;

(b) dan il-laham gie kkunsidrat bhal tajjeb ghall-konsum tal-bniedem wara spezzjoni veterinarja maghmula skond id-Diretiva tal-Kunsill 90/495/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 dwar il-problemi tas-sahha pubblika u ta' l-animali li jolqtu l-produzzjoni u t-tqeghid fis-suq tal-laham tal-fenek u tal-laham tal-priza mrobbija;

(c) il-vetturi tat-trasport jew il-kontenituri u l-kundizzjonijiet tat-tghabija ta' din il-konsenja jissodisfaw ir-rekwiziti tal-igjene skond kif indikat fir-regoli relattivii.

Maghmul fi ……nhar il- .....

.....
(firma tal-veterinarju ufficjali)

SKEDA III

MUDELL

CERTIFIKAT TAS-SAHHA'

ghall-fniek jew priza imrobbija f-irziezet u trasportati mir-razzett ghall-biccerija

Servizz kompetenti: ..... Nru : .....

I. Identifikazzjoni ta' l-annimali

Speci tal-annimali: ……...

Ghadd ta' annimali: ....

Timbru ta' identifikazzjoni: .....

II. L-Origini ta' l-annimali

Indirizz tar-razzett ta' origini:.....

……

III. Destinazzjoni ta' l-annimali

L-annimali ghandhom jintbghatu lejn din il-biccerija li gejja: .....

.....

b'dawn il-mezzi ta' trasport:..... .....

IV. Attestazzjoni

Jiena, hawn taht iffirmat, veterinarju ufficjali, qieghed b'dan niccertifika illi l-annimali deskritti hawn qabel gew spezzjonati qabel il-mewt fir-razzett hawn qabel imsemmi fi..... ..... nhar ……..u irrizultaw li kienu b'sahhithom.

Maghmul fi.. …….nhar .....

……..
(firma tal-veterinarju ufficjali)

SKEDA IV

MUDELL

CERTIFIKAT TAS-SAHHA

ghall-laham tal-priza bir-rix intiz ghall-konsenja lejn Stat Membru tal-KEE

Pajjiz ta' Esportazzjoni: ..... Nru : .....

Ministeru: .....

Servizz kompetenti: ....

Ref. :..... .....

I. Identifikazzjoni tal-laham

Laham ta':..... .....

Xorta tal-qatghat: .....

Xorta ta' l-ippakkjar: ....

Ghadd ta' pakketti:- .....

Piz net: ....

II. Origini tal-laham

Indirizz(i) u numru(i) veterinarju(i) ta' l-approvazzjoni tal-biccerija(i):

.....

.....

Indirizz(i) u numru(i) veterinajri(i) tal-post tat-tqatigh approvat:

.....

.....

III. Destinazzjoni tal-laham

Il-laham ser jintbaghat

minn .....

bejn ....

(pajjiz u l-post fejn hu ddestinat)

b'dawn il-mezzi ta' trasport li gejjin: ..... ……

Isem u indirizz ta' minn jikkonsenja: ……..

.....

Isem u indirizz tad-destinatarju: ....

.....

IV. Attestazzjoni tas-sahha

Jiena, hawn taht iffirmat, vetrinarju ufficjali, niccertifika illi:

(a) - il-laham tal-ispeci hawn qabeldeskritta,

- l-ippakkjak tal-laham hawn fqabel deskritt

- ghandu t-timbri li jippruvaw li:

- il-laham jidderiva minn annimali maqtulin f'bicceriji approvati,

- il-laham tqatta' f'post approvat ghat-tqattigh;

(b) dan il-laham gie kkunsidrat bhala tajjeb ghall-konsum mill-bniedem wara spezzjoni veterinarja maghmula skond: .

- id-Direttiva tal-Kunsill 77 /1l8/KEE tal-15 ta' Frar 1971 dwar problemi tas-sahha li jolqtu l-kummerc fil-laham tat-tjur frisk,

- id-Direttiva tal-Kunsill 64/433/KEE tas-26 ta' Gunju 1964 dwar problemi tas-sahha li jolqtu l-kummerc intra-komunitarju fil-laham frisk;

(c) il-vetturi jew kontenituri uzati fit-trasport u l-kundizzjonijiet tat-tghabija ta' din il-konsenja jissodisfaw il-htigijiet ta' igjene indikati fir-regoli relattivi.

Maghmul fi..... nhar .....

.....
(Firma tal-veterinarju ufficjali)